# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 272/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

vs

**Carl Borg**

iben Francis , imwieled Pieta', fil-11 ta' Ottubru, 1982, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 553082(M)

Illum, 7 ta' Marzu, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carl Borg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-18 ta' April, 2013, ghal habta tas-13.30, fl-akkwati maghrufa bhala l-Ghadira, fil-limiti tal-Mellieha;

1. Zamm jew garr arma tan-nar li kienet ikkargata, jew bl-iskratac fil-kompartiment tal-iskratac, jew barra l-ghata taghha f'post fejn mhux permess l-isparar fuq il- kacca;

2. Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaccja, wegga, ha jew ipprova jikkaccja, wegga' jew prova jiehu xi ghasfur f'santwarju tal-ghasafar;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu, xi arma tan-nar, munizzjoni, jew kull mezz iehor ghall-kacca jew ghat-tehid ta' xi ghasfur f'santwarju tal- ghasafar;

4. Fl- istess data, hin, lok u cirksotanzi biddel is-sura tieghu, barra minn iz-zmien u il-mod ta' kif tippermetti l-ligi, gewwa postijiet pubblici.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Mejju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat ir- regolamenti 17, 24(a), 24(c) tal-A.L. 79 ta' l- 2006, u l-artikolu 338(n) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill- imputat hati u ikkundanntu multa ta' erbat elef, sitt mija u hamsin euro (€4,650).

Ordnat l-konfiska tal- oggetti ezebiti.

Ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca tal-imputat ghal tlett (3) snin.

Rat ir-rikors tal-appellant Carl Borgipprezentat fis-6 ta' Gunju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fid-29 ta' Mejju, 2013 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Carl Borg* u tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena u fin-nuqqas tagħti piena aktar xierqa u adegwata fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-aggravju tar-rikorrent huwa li l-prosekuzzjoni bix-xhieda li tellgħet, il-Qorti tal-Maġistrati qatt ma setgħet issib ħtija fir-rikorrent minħabba l-fatt li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ

tagħha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. Għaldaqstant l-aggravji huma ċari u manifesti kemm fil-fatt u fid-dritt u jirriżultaw aktar minn nuqqas ta` provi li resqet il-prosekuzzjoni.

**Provi**

Illi l-prosekuzzjoni bħala prova ewlenija resqet lix-xhud is-sur Raymond Vella, fejn fuq dan ix-xhud il-prosekuzzjoni jbażżat il-każ tagħha. Dan ix-xhud ewlieni lanqas biss għaraf lir-rikorrent imma sempliċiment għaraf biss il-ħwejjeġ li kien liebes ir-rikorrent u kif ukoll dan rah minn distanza li kienet waħda l-bogħod ta` bejn wieħed u ieħor 500 metru.

Illi xhud ieħor imtella mill-prosekuzzjoni s-sur Robert Sparring tenna li f'dawk l-inħawi f`dik il-ġurnata kien hemm numru ta` kaċċaturi u mhux biss ir-rikorrent. Illi huwa diffiċċli wieħed biex jifhem kif il-pulizija waslet biex tressaq lir-rikorrent il-Qorti u dan meta waqt l-investigazzjoni naqset ukoll milli tagħmel *identification parade.*

Illi l-Qrati tal-Appell Kriminali dejjem tennew dwar l-attenzjoni li trid tingħata mill-ġudikant meta każ ikun jistrieħ biss fuq xhieda ta` xhud okkulari. L-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha *Il-Pulizija vs Stephen Zammit* datata 16 ta `Lulju, 1998 tenniet dwar l-attenzjoni li trid tingħata mill-ġudikant meta l-kaz jistrieħ biss fuq xhud wieħed biss li jiddentifika lill-imputat jew akkużat. Fis-sentenza tagħha l-Qorti tenniet hekk:

"*li veru l-liġi tagħna ma tgħid xejn dwar identifications parade li jsiru waqt investigazzjoni, imma dan na jfissirx li ma hemmx regoli ta` prudenza dettati mill-buon sens li għandhom jiġu osservati, speċjalment f`dawk li jisejjħu identification parades, dawn ir-regoli huma intiżi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża bl-iskop li l-identifikazzjoni ta` persuna bħala l-awtur ta` reat jew bħala l-persuna involuta fih tkun attendibli b`mod li l-ġudikant tal-fatt jkun jista` jserraħ moħħu li ma hemmx żball f`dik l-identifikazzjoni.*"

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fis-sentenza tagħha *Ir-Repubblika ta` Malta vs Marco Pace* mogħtija fis-*7 ta` Novembru, 2002* saħqet hekk dwar il-prova ta` identifikazzjoni:

*"Fi kliem ieħor huwa biss f'ċertu każijiet li tista' verament tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' identification evidence. Il-każ klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta'* ***Turnbull*** *(1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruħha hekk:*

*'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on*

*the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? …*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger'* (ara *Blackstone's Criminal Practice*, 1991, pagna 1991; *Archbold*, 1997, pagni 1255-1256)".

Illi fil-każ Ingliż ikkwotat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, il-Qorti Ingliża tat diversi eżempji li wieħed irid jżomm f`moħħu meta jiġi biex jiġġudika fuq identifikazzjoni ta` persuna. Uħud minn dawn ir-raġunijiet jaqgħu eżattament f`dan il-każ u li huma dawn li ġejjin:

i. Id-distanza minn fejn rahom ix-xhud okkulari kienet waħda l-bogħod u ma kienux fil-viċin tiegħu. Tant u hekk li x-xhud is-sur Ray Vella tenna fix-xhieda tiegħu li jgħaraf biss il-ħwejjeġ.
ii. Kien hemm diversi kaċċaturi oħrajn f`dik il-ġurnata, ħin u lok u għaldaqstant ir-rikorrent ma kienx waħdu u kien ikun aktar faċli li jingħaraf.

iii. Ir-rikorrent ma kienx liebes xi lbies li jispikka minn ta` kaċċaturi oħrajn, imma kien liebes lbies normali li jilbsu l-kaċċaturi.

Illi l-Pulizija f`dan il-każ naqqset milli tarresta lir-rikorrent minnufih biex tagħmel l-*identification parade* meħtieġa bl-istess lbies li kien liebes ir-rikorrent dak in-nhar tal-allegat reat li huwa wettaq. Li kieku saret din l-*identification parade* kien hekk tkun aktar ċara kemm għall-prosekuzzjoni, għad-difiza u kif ukoll għall-Qorti li ma hemmx każ ta` *mistaken identity.* F`dan il-każ ma sar xejn minn dan.

Illi l-Qrati tagħna f`dawn iż-żewġ sentenzi kwotati hawnhekk, taw gwidi ċari kif għandhom isiru l-*identification parades.* Il-Qrati saħqu li l-persuna suspettuża għandha tkun f`line up fost tmien persuni oħra ta` l-istess sura, u lbies. Dan għandu jsir sabiex ikun żgurat li x-xhieda jiddentifikaw lil dik il-persuna li rawha twettaq ir-reat u għaldaqstant kif tenniet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), *"l-identifikazzjoni ta` persuna bħala l-awtur ta` reat jew bħala l-persuna involuta fih tkun attendibli b`mod li l-ġudikant tal-fatt jkun jista` jserraħ moħħu li ma hemmx żball f`dik l-identifikazzjoni."*

Illi f`dan il-każ il-pulizija mhux biss ma għamlitx *identification parade* kif mitluba li tagħmel skont il-gwidi li saħqet fuqhom il-Qorti tal-Appell Kriminali, imma lanqas biss għamlet xi forma ta' *identification parade* sabiex tkun żgura li x-xhud okkulari qiegħed jiddentifika l-istess persuna li ra tikkaċċja illegalment. Kif ukoll l-ebda xhud ma għaraf il-persuna tar-rikorrent imma sempliċiment l-ilbies li kien liebes.

Illi r-rikorrent dak in-nhar ma kienx liebes xi lbies partikolari li wieħed jista` jgħid li jispikka minn xi lbies ieħor, imma kien liebes ilbies normali bħal ħafna kaċċaturi oħrajn flokk, jeans u żarbun iswed tat-tromba. Dan huwa lbies normali ta` kaċċatur u li f`dik il-ġurnata, fl-istess lok u ħin kien hemm numru mdaqqas ta` kaċċaturi oħrajn.

Illi x-xhud Ray Vella tenna fix-xhieda tiegħu tenna li huwa lemaħ lir-rikorrent l-ewwel darba fuq barra tas-santawarju flimkien ma kaċċaturi oħrajn. Wara ftit lemaħ żewġ kaċċaturi fir-riżerva bil-balaklavi u għaraf lir-rikorrent biss mill-ħwejjeġ. Din l-evidenza żgur mhix biżżejjed biex persuna tinsab ħatja.

Illi irid jingħad ukoll li l-Pulizija bagħtet għar-rikorrent biex tinvestigah fuq il-każ jumejn wara li seħħ dan l-allegat reat. Jekk ir-rikorrent kien identifikat mill-ewwel żgur li l-Pulizija ma kienitx idum jumejn sħaħ biex tinvestigah imma kienet tinvestiga mill-ewwel.

**Corpus Delicti**

Illi l-ewwel Qorti flimkien mal-piena ordnat ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti* fejn il-Qorti ikkonfiskat ħamest snieter tar-rikorrent. Il-*corpus delicti* hija dak l-istrument li serva sabiex isir id-delitt. Wieħed diffiċli jifhem kif il-Qorti ikkonfiskat il-ħamest is-snieter li għandu r-rikorrent. Jekk għal grazzja tal-argument kien ir-rikorrent li daħal fis-santwarju tal-għasafar ma hemm l-ebda prova li daħal b`ħamest is-snieter.

Illi meta l-pulizija sejħet lir-rikorrent biex tinvestigah fuq dan il-każ talbitu biex iġib miegħu senter wieħed biss. Wara ftit saritlu tfittxija fid-dar tiegħu fejn il-Pulizija qabdet erbgħa snieter oħra. Dawn is-snieter ġew ezebiti l-Qorti u kif ukoll ikkonfiskati.

Illi sabiex issir il-konfiska tal-oġġett li serva fid-delitt, il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-oġġett esebit minnha huwa l-*corpus delitti* li serva sabiex isir id-delitt bih. Il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova dan u fil-fatt ezebiet il-ħamest is-snieter li kellu r-rikorrent u ma nġiebet l-ebda prova li dawn il-ħamest is-snieter kienu f`xi ħin fir-riżerva.

**Assorbiment tal-imputazzjonijiet**

Illi r-rikorrent ġie akkużat bir-regolament 17 u kif ukoll bir-regolament 24. Ir-regolament 17 jipprovdi dan li ġej:

*"Ebda persuna m'għandha f'ebda mument iżżomm jew iġġorr arma tan-nar li tkun kargata, jew bl-iskrataċ fil-kompartiment ta' l-iskrataċ ta' l-arma, jew barra l-għata tagħha, jekk mhux f'post fejn huwa permess l-isparar fuq il-kaċċa."*

Illi r-regolament 24(c) jipprovdi dan li ġej:

*"ikollha fil-pussess jew fil-kontroll tagħha, xi arma tannar, munizzjoni, għasafar tat-taħrik, xibka jew kull mezz ieħor għall-kaċċa jew għat-teħid ta' xi għasfur f'santwarju ta' l-għasafar."*

Illi hanwhekk għandu jkun hemm assorbiment tal-imputazzjonijiet f`imputazzjoni waħda. Hawnhekk għanda każ tal-konkors formali jew ideali tar-reat, fejn meta l-att kriminuż huwa wieħed ma jkunx hemm reati distinti minn xulxin imma reat wieħed. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-sentenza tagħha *Il-Pulizija vs Johnatan Mizzi* datata 6 ta` Jannar, 2005 tenniet dan li ġej:

*"Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-assorbiment tal-ewwel imputazzjoni fit-tieni imputazzjoni. Illi hu ovvju li l-appellant qed jirreferi għall-konkors formali jew idejali li, għalkemm il-liġi tagħna ma ssemmiehx espressament, il-Qrati tagħna dejjem aċċettaw u applikaw fil-prattika. Hu ormai prinċipju stabilit li fejn l-istess fatt, riżultanti mill-istess u l-unika intenzjoni kriminali, jagħti lok ghall-ksur jew vjolazzjoni ta' diversi dispozizzjonijiet tal-liġi,ma jkunx hemm diversi reati distinti minn xulxin izda biss reat wieħed, bir-reati minuri assorbiti fir-reat aktar gravi. (Ara Appelli Kriminali : "Camilleri vs. Cilia et." [2.12.1839]; "Il-Pulizija vs. Cachia" [10.12.1939]; "Il-Pulizija vs. Pace" [28.1.1939] u oħrajn.)."*

Illi dan il-każ huwa simili għal dak kwotat fejn diversi imputazzjonijiet jirriżultaw minn att kriminuż wieħed. Jidher li l-ewwel qorti ma jkkunsidratx dan il-punt u sabet lir-rikorrent ħati għal kull imputazzjoni. Jekk din l-Onorabbli Qorti jsib ħtija fir-rikorrent għandha tikkunsidra dan il-punt u jkun hemm temperament fil-piena ukoll.

**Piena**

Illi mingħajr preġudizzju għal dak li nkiteb aktar `il fuq jekk din il-Qorti tikkonferma l-ħtija għandu jkun hemm tnaqqis fil-piena. Il-piena li weħel ir-rikorrent hija fil-massimu tagħha u kif ukoll is-sospensjoni tal-liċenzja hija fil-massimu. Meta wieħed iqis l-kondotta nadifa tar-rikorrent għandu jkun hemm kemm tnaqqis fil-piena kif ukoll fis-sospensjoni tal-liċenzja tal-kaċċa.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi dan kien kaz sommarju u ix-xiehda ta' min xehed ma gietx traskritta. Ghalhekk, din il-Qorti semghet mill-gdid il-provi prodotti.

Illi mix-xhieda ta' Christian Gauci jirrizulta li l-appellant kien mar fil-kamra tieghu li qeghda barra r-riserva. Hu mar hemm ghal kafe' izda x'ghamel l-appellant ma jafx.

Illi mix-xhieda ta' PS1033 Sandro Mangion jirrizulta li l-pulizija giet infurmata li fir-rizerva tal-Ghadira kien hemm minn kien qed jikacca. Il-Pulizija marru fuq il-post u minn stharrig li sar ma sar ebda progress fl-invesitgazzjoni. Jirrizulta li membri tal-Bird Life li kienu fuq il-post urew xi ritratti ta' persuni fir-rizerva li kienu qed jikkaccaw. Dawn ir-ritratti gew ezebiti quddiem l-ewwel Qorti. Minn dawn ir-ritratti jidhru zewg persuni li wicchom kien mghotti. Mix-xiehda ta' dan is-surgent jirrizulta li l-pulizija waslet ghall-appellant minhabba informazzjoni anonima. Is-surgent ma kienx jaf lill-appellant. PS1033 Sandro Mangion xehed li fl-opinjoni tieghu l-persuna li kellha maktur blu ma wiccha kien l-appellant. Ghandu jinghad li x-xhud ma wasalx ghal identifikazzjoni certa li l-appellant kien il-persuna fir-ritratti. Hu esprima biss opinjoni u ma esprima ebda certezza ta' l-identifikazzjoni tal-appellant.

Illi mix-xiehda ta' l-Ispettur Ramon Mercieca jirrizulta li kien hemm zewg persuni jikkaccaw fir-rizerva tal-Mellieha. Hu xehed li r-ranger tar-rizerva, Raymond Vella, kienu qallu li l-appellant kien fir-rizerva flimkien ma persuna ohra. Xehed ukoll li mir-ritratti li kien ghaddewlu seta' jinduna li l-appellant jixtiebah hafna mal-persuna li hemm fil-filmat. Ix-xhud ra l-filmat u minn hemm ra li l-persuna tixbah hafna lill-persuna li kien indika r-ranger u cioe' l-appellant. Xehed ukoll li r-ritratti li jinsabu a fol. 14, 15, 16, 17, 18 u 19 tal-process jixbah lill-appellant.

Illi mix-xiehda ta' Raymond Vella, ir-ranger tar-rizerva, jirrizulta li hu kien gharaf lill-appellant. Dak il-hin hu kellu nuccali tax-xemx. Din l-identifikazzjoni saret meta ix-xhud u l-appellant kienu madwar 450 jew 500 metru l-boghod minn xulxin. Illi a fol.128 ix-xhud qal li ma kien xgharfu 'mija fil-mija' izda l-pulizija kienu gharfuh. Din il-bicca tax-xiehda ta' Raymond Vella in kompletament opposta ghal dak li xehed l-Isettur Ramon Mercieca li qal li hu strah fuq l-identifikazzjoni ta' Raymond Vella.

Illi fuq l-iskorta tax-xhieda hawn fuq indikati ma tirrizulta ebda identifikazzjoni tal-appellant b'certezza tali li din il-Qorti hi sodisfatta li fil-fatt kien l-appellant it-tieni persuna li dahlet fir-rizerva. Hu veru li l-appellant kien fl'akkwati u ta' dan hemm ix-xhieda ta' Christian Gauci. Madanakollu, li tghid li l-appellant kien fir-rizerva jikkacca hu ftit azzardat fuq l-iskorta tal-provi prodotti u il-prova trid isir minghajr ebda dubju dettat mir-raguni.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa' l-appell ta' Carl Borg.  Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.